MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
DOREEN CLARKE**

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2012

Numru. 523/2009

**Il-Pulizija
(Spettur Fabian Fleri)**

**vs**

**Victor Degabriele**

**Kumpilazzjoni Nru: 523/2009**

Il-Qorti

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Victor Degabriele, bin Peter u Maria nee' Camilleri, imwieled Pieta' fl-1 ta' Frar, 1984, residenti 10 Triq il-Konservatorju Bormla u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 191384(M).

1. Akkuzat talli fl-10 ta’ Mejju 2009 u fil-granet ta’ qabel gewwa Bormla u gewwa dawn il-gzejjer xjentement ghamel uzu minn dokument falz cioe licenzja ta’ vettura bin-numru GAD 293 tal-ghamla BMW.

2. U aktar talli kiser il-provedimenti ta’ sentenza sospiza moghtija fil-konfront tieghu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr Edwina Grima LL.D datata 19 ta’ Mejju, 2008, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel u dan bi ksur ta’l-artikolu 28A u 28(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

3. U aktar talli kiser il-provediment ta’ sentenza sospiza moghtija fil-konfront tieghu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr Miriam Hayman LLD datata 14 ta’ Gunju 2007, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel u dan bi ksur ta’l-artikolu 28A u 28(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

4. U fl-ahhar nett talli kiser il-provedimenti tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta imposti fuqu b’ sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr Antonio Vella LLD datata 7 ta’ Dicembru 2006, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f’ kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta’ spejjez li jkollhom x’ jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat f’l-artikolu 522 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-artikoli 28A, 28B u 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikoli 7 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-fatti ta’ dan il-kaz huma relattivament semplici u fil-verita ftit li xejn hemm kontestazzjoni dwarhom.

Illi jirrizulta li f’l-10 ta’ Mejju 2009 pulizija mill-iskwadra *mobile* kienu qed jaghmlu ronda fi Triq il-Gulblew tal-Fidda Birgu meta lemhu vettura ta’ tip BMW b’numru ta’ registrazzjoni GAD 293 ipparkjata; din il-vettura qanqlitilhom xi suspetti; huma avvicinaw din il-vettura u rrealizzaw li l-*license disc* li kien hemm imwahhla mal-*windscreen* ma kenitx wahda awtentika. Huma cemplu lill-pulizija tad-distrett li marru fuq il-post biex ikomplu b’l-investigazzjni dwar il-kaz; hemm isejjah ukoll l-imputat.

Illi mill-provi akkwiziti waqt il-proceduri odjerni rrizulta li l-vettura in ezami kienet registrata fuq certu Andrew Buhagiar sa mis-sena 1982 u li l-ahhar licenzja valida skadiet fil-31 ta’ Lulju 2008.

Illi ghandu jinghad li waqt l-investigazzjoni ta’ dan il-kaz l-imputat irrilaxxja stqarrija pero kif gustament irrileva d-difensur tieghu la darba din l-istqarrija giet rilaxxjata minghajr ma l-imputat inghata d-dritt li jikkonsulta ma’ avukat ma tistghax titqies bhala prova ammissibbli ghalhekk ghalkemm esebieti in atti l-Qorti bil-fors trid tiskartaha.

Illi ghalhekk l-unika prova in sostenn ta’l-imputazzjoni migjuba fil-konfront ta’l-imputat hija l-license disc li kienet giet elevata minn gol-vettura u li hija ovvajment mhux awtentika. Hemm ukoll id-depozizzjoni tal-pulizija koncernati li jghidu li raw il-vettura in ezami pparkjata fit-triq imsemmija. Hadd minn dawn il-pulizija ma spjega kif akkwistaw access ghall-vettura u b’mod partikolari kienx l-imputat li taghhom access ghall-vettura; fil-verita ghalkemm uhud mill-pulizija li xehdu qalu li l-imputat isejjah fuq il-post hadd ma qal x’ghamel l-imputat waqt li kien fuq il-post fejn instabet il-vettura hemm u ghalfejn isejjah propju hu. Minn dawn il-provi ma jirrizulta l-ebda ness bejn l-imputat u l-vettura jew dik il-*license disc,* hekk

kif ma jirrizultax li l-imputat ghamel xi uzu minn dik il-*license disc.* Konsegwentement l-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront ta’l-imputat ma gietx pruvata.

Illi l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra l-imputat jiddependu fuq is-sejbin ta’ htija ta’l-ewwel imputazzjoni; la darba l-imputat mhux qed jinstab hati ta’ l-ewwel imputazzjoni lanqas ma jista’ jinstab hati ta’l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra tieghu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tilliberah minnhom.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------